**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Gimgha, 15 ta' Jannar, 2021**

**Rikors Guramentat numru 32/2019BS**

**Michelangelo Attard**

**vs**

**Joseph Bajada;**
**Karen Bajada;**
**Carmel Attard**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn Michelangelo Attard ikkonferma:

1. Premess illi r-rikorrenti jippossjedi raba, parti minn raba akbar, liema raba jinsab fil-kontrada maghruf bhala ta' Ghajn Lukin fil-limiti tax-Xaghra Ghawdex u huwa ahjar delinjat bl-ahmar fuq il-pjanta u site-plan hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;

2. Premess illi l-konvenut Carmel Attard ghandu proprjeta' ohra fl-istess inhawi pero' mhux biswit jew konfinanti mal-proprjeta' li jippossjedi l-attur;

3. Premess illi fid-disgha (9) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) l-intimati Joseph Bajada u Carmel Attard sgassaw il-kamra agrikola tar-rikorrent li tinsab gewwa l-stess raba tar-rikorrent kif ukoll kissru l-arlogg tad-dawl li jinsab gol-kamra, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

4. Premess illi r-rikorrenti ddenunzja l-kwerela tieghu b'ittra hawn annessa u mmarkata Dok B, pero' baqa' ma sar xejn;

5. Premess illi sussegwentement fit-13 ta' Marzu 2019, Joseph Bajada saq vettura gol-proprjeta' tar-rikorrenti minghajr ebda awtorizazzjoni, b'mod klandestin u llegali kif ukoll b'dannu ghalih stante illi ghaffeg il-wicc taz-zergha li wasal biex jinhasad, li kien qieghed gewwa l-istesss proprjeta' tar-rikorrenti. Konsegwentment rega' sar rapport iehor mal-Pulizija.

6. Premess illi konsegwentment fit-24 u fil-25 ta' Marzu 2019, l-intimata Karen Bajada dahlet klandestinament go l-istess ghalqa flimkien ma' binha Etienne Bajada, u stallaw wajer u CCTV cameras u wahluhom gewwa l-proprjeta' tar-rikorrenti liema cameras jaghtu ghall-proprjeta' tar-rikorrenti li gie rraportat mal-pulizija ukoll.

7. Premess illi f'dawn il-granet u proprjament fid-9 ta' April 2019 l-intimata Karen Bajada poggiet u halliet vettura minghajr licenzja gewwa l-propjeta tal-attur minghajr l-awtorizazzjoni u l-kunsens tieghu, anzi b'mod klandestin b'dana illi issa huwa privjat totalment milli jidhol gewwa l-ghalqa tieghu.

8. Premess illi dawn l-atti da parti tal-intimati huma llegali u abbuzivi u jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-attur;

9. Premess illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi, inkluz permezz ta' ittra legali datata 1-14 ta' Marzu 2019 u ittra ufficcjali numru 191/2019 datata d-29 ta' Marzu 2019, (annessi u mmarkati bhala Dok C u dok D rispettivament) sabiex jisporgu dan l-ispoll, l-intimat baqghu nadempjenti;

Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-intimati kkommettew spoll vjolenti u klandestin meta qabdu u dahlu fil-proprjeta' ossia ghalqa fil-pussess tal-attur fid-9 ta' Marzu 2019 u tal-granet ta' wara, kisru l-bieba li taghti ghal gol-kamra agrikola kif ukoll l-arlogg tad-dawl u sussegwentment qeghdu trakk biex ostakolaw l-access liberu ta' l-istess attur ghall-ghalqa gewwa x-Xaghra fl-inhawi ta' Ghajn Lukin kif ukoll ghamlu hsara fil-wicc tar-raba tieghu u zammewh milli jaccedi ghal-istess raba;

2. Tikkundanna lill-intimati biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, jizgumbraw mil-art fil-pussess tar-

rikorrenti u jergghu jregghu kollox lura ghall-istat pristinu tieghu qabel il-kommissjoni ta' dan l-ispoll;

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel hu dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji a spejjez tal-intimati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali numru 191/2019.

Bl-ingunzjoni tal-intimati minn issa ghas-subizzjoni.

Bir-rizerva tal-azzjoni ghar-rizarciment tad-danni sofferta mill-attur minhabba l-agir abbuziv u llegali taghhom.

**Il-Qorti:**

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta biex jinstema' fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2019, b'dan illi l-Qorti ordnat lill-attur sabiex sas-seduta kif appuntata jipprezenta l-affidavits tieghu u d-dokumentazzjoni relatata mal-kawza, bin-notifika lill-kontro-parti[1].

Rat li l-intimat Joseph Bajada fid-29 ta' April, 2019 ma riedx jaccetta n-notifika u mbaghad fis-17 ta' Mejju, 2019 wara li l-Marxxall hallietlu nota sabiex jikkommunika maghha naqas milli jaghmel dan[2].

Rat li fid-29 ta' April, 2019, l-intimata l-ohra Karen Bajada ma accettatx in-notifika u mbaghad accettatha fl-14 ta' Mejju, 2019[3].

Rat li fid-29 ta' April, 2019 il-Marrixxal irrapurtat li mart l-intimat Carmel Attard irrifutat in-notifika, izda mbaghad fl-14 ta' Mejju, 2019, Carmel Attard accettaha[4].

[1] A fol 11 u 12 tal-process
[2] A fol 14 tal-process
[3] A fol 15 tal-process
[4] A fol 16 tal-process

Rat li fuq talba ta' l-attur il-kawza li kienet appuntata ghall-10 ta' Lulju, 2019 giet rikjamata ghas-seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2019[5].

Rat illi fl-14 ta' Gunju, 2019 il-konvenuti pprezentaw risposta guramentata[6].

Rat illi fil-21 ta' Gunju, 2019, l-attur ipprezenta l-affidavits tieghu, flimkien ma ritratti u dokumenti[7].

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2019 l-attur iddikjara l-provi maghluqa u l-konvenut inghata sat-13 ta' Novembru, 2019 sabiex jirregola ruhu dwar il-kontumacja.

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2019, il-konvenuti talbu li jipproducu lill-psikjatra Dr Joseph Spiteri sabiex jiggustifikaw il-kontumacja.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta Frar, 2020 xehed il-psikjatra Dr. Joseph Spiteri u l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-kontumacja[8].

Rat li fit-3 ta' Lulju, 2020, il-Qorti, wara rikors ta' l-attur, iddikjarat li Joseph Bajada kien gie notifikat bl-atti fis-29 ta' April, 2019[9].

Rat li fit-03 ta' Lulju, 2020, il-Qorti permezz ta' sentenza ordnat l-isfilz tar-risposta guramentata mill-atti u ddikjarat lit-tliet konvenuti kontumaci. L-ispejjez gew rizervati ghall-gudizzju finali dwar il-mertu[10].

Rat li fl-istess seduta l-partijiet inghataw erba' gimghat kull wiehed sabiex jipprezentaw in-noti taghhom[11].

---

[5] A fol 18 u 19 tal-process
[6] A fol 26 sa fol 35 tal-process
[7] A fol 38 sa fol 53 tal-process
[8] A fol 71 sa 78 tal-process
[9] A fol 83 tal-process
[10] A fol 84 sa fol 92 tal-process
[11] A fol 93 tal-process

Rat li l-attur ipprezenta n-nota tieghu fit-3 ta' Awissu, 2020[12], liema nota giet notifikata lill-intimati fit-3 ta' Settembru, 2020 pero' permezz ta' rikors intavolat 14 ta' Awissu, 2020, il-konvenuti talbu[13] l-Qorti tiddikjara li t-terminu taghhom jibda jiddekorri mis-17 ta' Awissu, 2020, id-data meta raw in-nota ta' l-attur *on line*. Din it-talba giet akkordata.

Rat li l-attur fis-17 ta' Settembru, 2020 rega' pprezenta rikors iehor fejn talab illi jinghata zmien sa  sabiex jintavola n-nota tieghu, liema talba giet michuda u dana in vista tat-talba ntavolata minnu precedentement.

**Ikkunsidrat.**

Illi din hija kawza ta' spoll u dwar l-istess inghad li[14] :

*"l-azzjoni ta' reintegrazzjoni hija fondata fuq l-ezigenzi ta' l-utilita socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja;*

*hija intiza ghall-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess sabiex jigi mpedut li c-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh, b'mod li ghandha bhala fini r-restawrazzjoni tal-pussess skonvolt jew turbat ... si tratta ta' disposizzjoni ta' ligi eminentement ta' ordni pubbliku, li ma tirrikjedix, generalment, il-vjolenza fuq il-persuna li tkun tiddetjeni l-haga jew li tkun tgawdi d-dritt, imma l-istess hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita privata jikompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista jkollu dritt ghalih, ma setax jezercitah minghajr l-intervent tal-Qorti."*

Illi l-elementi li ghandhom jigu ppruvati mill-atti huma huma tlieta:

a) **Il-pussess** (*possedesse*)

*"hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto', ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' proprjeta jew ta' servitu fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni"*[15]

---

[12] A fol 94 sa 107 tal-process
[13] A fol 107 tal-process
[14] GiuseppeMuscat v Assunta Farrugia – Appell Civili, deciz 2 ta' Novembru, 1957.
[15] Kaptan Stefano Xuereb v Nobbli Charles Sant Fournier, Appell Civili, deciz 12 ta' Dicembru, 1952

Hu pacifiku li l-espressjoni 'pussess ta' kwalsiasi xorta' tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak sempliciment naturali u anke dak vizzjuz. L-attur pero' dejjem irid igib il-prova illi huwa ghandu l-pussess ta' l-oggett li minnu gie spoljat, anke jekk tali pussess kien wiehed qasir hafna u sahansitra pussess momentaneju[16], izda mhux ta' mera tolleranza[17]

b) **It-tehid tal-pussess bl-eghmil tal-konvenut (***spoliatum fuisse***)**

*"Biex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll, mhux mehtieg biex dak ikun vjolenti, li jkun hemm il-vis atrox jew le vie di fatto, imma hu bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu, ta' min isofri l-ispoll"*[18];

c) **L-azzjoni trid tinbeda fi zmien xahrejn minn meta jsehh l-ispoll** (*infra bimestre deduxisse*)

*"fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv"*[19]. Inghad wkoll li meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mil-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccipjenti ghaliex skont l-Artikolu 562 tal-Kap.12, Ligijiet ta' Malta, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.

L-azzjoni ta'spoll ma taghtix lok ghall-ebda ndagini ohra barra dik li tistabilixxi l-fatt tal-pussess jew detenzjoni u l-fatt tal-ispoll billi din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna[20].

Illi in linea ma' dak ipprovdut fl-artikolu 791 (1) tal-Kap 12, Ligijiet ta' Malta, l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija ntiza biss biex igieghel lill-konvenut jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u xejn aktar.

---

[16] John Sammut vs Emanuel Sammut Prim Awla, deciza 31 ta' Jannar, 2003
[17] Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine", Appell civili, deciza 26 ta' Jannar 1996
[18] Carmelo Rosario Dimech vs Antonia Fenech et, Prim Awla, deciza 26 ta' Jannar, 1957.
[19] Norman Vassallo v Filomena Esposito Appell Civili, deciza 18 ta Gunju, 1993
[20] Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone, Appell Civli, Deciza 9 ta' marzu, 1992.

Irid jinghad ukoll li l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta' tal-pussessur b'tali mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att[21]

Barra minn hekk l-Artikolu 791(1) tal-Kap 12, jipprovdi wkoll li ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet dilatorji[22] billi dan l-artikolu huwa wiehed to ordni pubbliku.

Tenut kont ta' dan kollu irid jinghad illi hija l-fehma ta din il-Qorti li kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan jghodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ezami akkurat tal-provi tal-kaz imwieghzen mal-preponderanza tal-probbilitajiet iwassal sabiex il-gudikant ikollu c-certezza morali li fuqha jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu.

Da parti tieghu l-konvenut huwa assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax l-oneru tal-prova - u fondatezza tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement provati.

Fil-kaz odjern l-attur ressaq ghall-iskrutinju ta' din il-Qorti diversi affidavits ta' persuni li huma midhla tar-raba maghruf bhala Ta Ghajn Lukin. Fost dawn ix-xhieda hemm x-xhud Carmelo Attard li fl-affidavit tieghu[23] jaghti narrattiva cara mmens dwar min jokkupa l-art in kwistjoni kif ukoll dik tal-madwar. Meta jitkellem fuq l-art in kwistjoni jirreferi ghaliha bhala l-ghalqa ta' l-attur. Jghid ukoll illi *"..l-attur ghandu kamra tad-dawl u din il-kamra ilha hemm madwar tletin sena[24]."*

Xhud iehor, Joseph Vella, maghruf bhala ta' Flusu fl-affidavit tieghu jixhed illi ;

---

[21] Joseph Vella vs Salvu Micallef, Prim Awla, deciza 30 ta' April 1991.
[22] Carmelo Sacco vs Paul Sacco , Appell Civili, deciz 23 ta' Jannar, 1998
[23] A fol 41 sa 42 tal-process
[24] Ara affidavit ta' Carmelo Attard a fol 41 tal-process

*"…L-ghalqa li nahdem jien tmiss ma l-ghalqa ta Kalang Attard maghruf bhala ta Frendu. Jien ilni midhla t'hemmhekk xi madwar hamsa u tletin (35) sena u dejjem hdimtu r-raba. Nispjega li almenu darba f'gimgha dejjem mort fl-ghalqa li hemm il-kwistjoni dwarha dejjem rajt lil ta Frendo"*

Victor Attard, li huwa l-utent registrat rigward il-kontijiet tad-dawl esebiti fl-atti[25] jafferma li l-ghalqa in kwistjoni :

*"..ilha f'idejn il-familja tieghi ghal `il fuq minn 45 sena. Illum hija propjeta ta' Michaelangelo Attard. "*

Aktar 'il isfel fl-affidavit dan ix-xhud jispjega li l-konvenut Carmel Attard ghandu wkoll raba f'Ghajn Lukin, izda dan ir-raba ma jmissx ma' ta' l-attur ghax bejn ir-raba tal-konvenut u dak ta' l-attur hemm raba iehor illi huwa ta' Peppi Vella maghruf bhala ta' Flusu.

Illi lura ghall l-elementi ta' l-azzjoni, il-Qorti wara li qieset il-provi kollha hija tal-fehma li rigward l-element tal-pussess, dan jinsab pjenament sodisfatt.

Rigward l-element ta' tehid ta' pussess bl-eghmil tal-konvenuti, l-attur ipprezenta rapport illi ghamel lill-Kummissarju tal-Pulizija tramite l-Avukat ta fiducja tieghu datat 11 ta Marzu, 2019 fejn gharrafu li fis-7 ta' Marzu 2019 il-konvenuti Joseph Bajada u Carmel Attard kienu qacctu l-bieba tal-kamra agrikola li tinsab fl-ghalqa tieghu kif ukoll kissru is-*sub meter*.

Barra minn hekk ix-xhud Marie Lourdes Borg fl-affidavit taghha[26] tafferma li *"….l-konvenuti inqabdu bic-CCTV cameras ta Louis Atatrd jivvandalizzaw il-kamra taz-ziju"*. Tkompli li *"…ic-CCTV li ha Louis Attard fejn jidher li fid-disgha (9) ta' Marzu, elfejn u dsatax (2019) zewg persuni li jixbhu ferm lil Joseph Bajada u Carmel Attard zgassaw il-bieb tal-kamra li kien imsakkar b'katnazz billi uzaw grinder. Fis-CCTV jidhru ukoll dawn iz-zewg persuni igorru l-bieba il-fuq u jidhlu gol kamra ta Carmelo Attard."*

Tkompli tghid li *"…sussegwentement u cioe' wara l-incident tal-bieba, inzertajna fl-ghalqa jien u hija u fit-13 ta' Marzu, 2019 rajna il-vettura ta Joseph*

[25] A fol 53 u fol 63 tal-process
[26] A fol 48 sa 49 tal-process

*Bajada fl-ghalqa taz-ziju. Dakinhar ghadda minn fuq il-wicc taz-zergha u ghafgu."* Il-verzjoni tal-fatti moghtija minn din ix-xhud hija korroborata bix-xhieda ta' Louis Attard[27].

Fid-dawl ta' dawn il-fatti t-tieni element huwa ppruvat ukoll.

Rigward it-tielet element cioe' li l-azzjoni ta' spoll trid tigi ntavolata fi zmien xahrejn minn meta jsir l-att spoljattiv, il-Qorti tinnota li skont ma jirrizulta mill-atti l-att spoljattiv sehh fid-9 ta' Marzu 2019 u granet sussegwenti filwaqt li l-kawza giet intavolata fit-12 ta' April, 2019. Dan ifisser li dan l-element huwa sodisfatt ukoll.

Illi ghalhekk l-pretensjonijiet attrici jirrizultaw ippruvati, u fil-verita' lanqas huma kontestati, ghax kif gia nghad qabel il-intimat gew dikjarati kontumaci b'sentenza preliminari li ma gietx appellata.

**Decide.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti , taqta' u tiddeciedi, billi fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici.

L-ispejjez ta' din il-kawza, inkluz dawk tas-sentenza tat-03 ta' Lulju, 2020 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti in solidum.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

[27] A fol 50 tal-process